MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 85/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jason Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Scerri talli f'xi hin bejn is-sebgha ta' filghaxija ta' nhar l-4 ta' Settembru 1991 u t-tmienja u nofs ta' filghodu ta' nhar il-5 ta' Settembru 1991, flimkien ma' persuni ohra ta' identita` mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, lighters, cameras tar-ritratti, fwieha u diversi oggetti ohra mill-hanut "Tenit Gift Shop", sitwat fi Triq it-Trunciera, Qawra, ghad-detriment ta' sid l-istabbiliment Emmanuel Demanuele mill-Qawra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u valur li jeccedi l-elf lira

Maltin (Lm1000) izda ma jeccedix l-ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000);

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara volontarja fuq shutter u tieqa li kienu jipprovdu sokor ghall-istess stabbiliment, liema hsara saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Emmanuel Demanuele mill-Qawra u tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda inqas minn hamsin lira Maltin (Lm50);

Talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga` nstab hati u ikkundannat ta' reat ta' attentat ta' serq, liema reat instab hati tieghu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta nhar il-11 ta' April, 1991, liema sentenza ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Talli f'xi hin bejn is-siegha ta' wara nofs inhar tat-22 ta' Settembru, 1996, u nofs il-lejl u hames minuti ta' sbieh it-23 ta' Settembru, 1996, flimkien ma' persuni ohra ta' identita` mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u affarijiet ohra minn appartament bin-numru 1, f'"Washington Apartments", Triq in-Nawciera, Qawra, ghad-detriment tas-Sinjur u s-Sinjura Saviour u Mary Debattista minn Pembroke rispettivament, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100), izda ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000);

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara volontarja fuq bieb tal-aluminium li kien jipprovdi sokor ghall-istess appartament, liema hsara saret ghad-detriment ta' l-imsemmija Saviour u Mary Debattista minn Pembroke u tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda inqas minn hamsin lira Maltin (Lm50);

Talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga` nstab hati u kkundannat ta' reat ta' serq, liema reat nstab hati tieghu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta nhar it-28 ta' Novembru, 1995, liema sentenza ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Talli kkommetta serq aggravat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Awla B nhar-il 11 ta' April 1991 liema sentenza kienet giet definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti kkundannat lill-imsemmi Jason Scerri ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar b'dan illi irrakkomandat lid-Direttur tal-habs illi fejn u jekk hu possibli l-istess Jason Scerri ikun inkoraggit li jkompli dak il-programm li qed isegwi (jekk hu l-kaz) kontra l-abbuz tad-droga;

Rat ir-rikors ta' appell tat-2 ta' April 2004 ta' l-imsemmi Jason Scerri li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi "ma tinponiex habz jew tnaqqas iz-zmien tal-habz" [**recte:** ma timponix piena ta' prigunerija jew tnaqqas iz-zmien ta' prigunerija];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' Dott. Martin Fenech ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa dwar il-piena. Fir-rikors ta' appell l-appellant isostni:

"1. Illi l-esponenti kien ikkommetta l-ewwel reati fis-sena 1991 jigifieri tlettax-il sena ilu kif ukoll ikkommetta serqa ohra fis-sena 1995 jigifieri tmien snin ilu liema reati ukoll mumiex ta' natura serjissima peress illi l-ammonti huma relativament zghar. Illi dan id-dewmien kollu sabiex jigi kkundannat kif ukoll id-dewmien sabiex jispiccaw il-proceduri huwa ta' detriment serju ghall-esponenti peress illi mat-trapass taz-zmien l-esponenti rriforma ruhu u m'ghadux taht l-influwenza tad-droga u dan jirrizulta car mill-fatt illi issa ghadda xi zmien minn meta l-esponenti kkommetta xi reat iehor;

2. Illi abbazi tal-principju Justice delayed is Justice denied l-esponenti umilment jissottometti illi l-piena nflitta fuqu hija wisq severa u ma jimmeritax habs;

3. Illi r-raguni tas-serqiet kienu minhabba l-fatt li kien taht l-influwenza tad-droga u l-vizzju geghlitu jaghmel affarijiet li kieku ma kienx ivvizzjat zgur li dawn is-serqiet ma kienx jikkommettihom. Dan qieghed jinghad mhux sabiex titnehha xi responsabbilta` minn fuq l-esponenti ta' ghemilu imma minhabba l-fatt lik s-sentenza moghtija hija harxa u jimmerita inqas stante c-cirkostanzi li kien jinsab fihom."

Dwar il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et** moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002 qalet hekk:

*"Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard (24.7.2000) u Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)).*

*Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza 'Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi' (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-*

*process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta li r-reati addebitati lill-appellant jirrisalu ghal Settembru tas-sena 1991 u Settembru tas-sena 1996. Pero` jirrizulta li l-investigazzjoni dwarhom intemmet fl-1998. Difatti l-Ispettur Mario Bonnici, li kien qieghed jixhed fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti fil-15 ta' Lulju 1998, qal li fil-bidu ta' Gunju ta' dik is-sena, cioe` tas-sena 1998, ircieva informazzjoni anonima fis-sens li l-persuna nvoluta fiz-zewg serqiet imsemmija kien l-appellant (allura imputat). Ghalhekk fit-23 ta' Gunju 1998 huwa talab lill-appellant biex imur fid-D.I.K. fejn, wara li tah is-solita twissija fil-prezenza ta' P.S. 836 Alexander Taliana, spjegalu fuq l-investigazzjonijiet li kien qieghed jaghmel dwar iz-zewg serqiet imsemmija. Is-Surgent Taliana anke ha lill-appellant biex jurieh il-postijiet li kien qieghed jirreferi ghalihom. Meta rritorna d-D.I.K., l-appellant ammetta li kien involut fiz-zewg serqiet in kwistjoni u anke rrilaxxa stqarrija (Dok. MB). L-appellant tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja fis-26 ta' Gunju 1998. Dan qieghed jinghad peress li huwa ovvju li min-naha tal-Pulizija Ezekuttiva ma kien hemm l-ebda dewmien biex jitressaq l-appellant il-Qorti una volta kellha l-informazzjoni u anke ammissjoni da parti ta' l-appellant.

Meta l-appellant tressaq il-Qorti pero`, huwa ddikjara ruhu mhux hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu, saret il-kumpilazzjoni tal-provi u fil-15 ta' Novembru tas-sena 1999 l-Avukat Generali baghat l-imputat biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-artikoli minnu ndikati. Hawn ukoll jidher li ma kienx hemm xi dewmien insolitu sabiex jingabru l-provi kollha u tittiehed id-decizjoni msemmija da parti ta' l-Avukat Generali.

Fit-3 ta' Dicembru 1999 l-appellant ta l-kunsens tieghu biex il-proceduri jsiru sommarjament. Fid-19 ta' April 2001 l-Avukat tieghu Dott. Edward Gatt irrinunzja ghall-patrocinju ta' l-appellant u dan wara xi differimenti biex jipprepara d-difiza (16 ta' Frar 2000, 3 ta' Mejju 2000). Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2000 l-appellant irregistra

ammissjoni u ntalab differiment biex issir prova dwar il-progress li l-appellant kien qieghed jaghmel fi programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-abbuz tad-droga. Fit-12 ta' Settembru 2000 id-difiza talbet aktar zmien biex tirregola ruhha. Jirrizulta li saru diversi seduti inutilment ukoll ghalkemm kien hemm il-partijiet kollha prezenti (13 ta' Ottubru 2000, 2 ta' Frar 2001)[1]. Fis-7 ta' Marzu 2001 id-difiza talbet li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, liema nota ma saret qatt. Wara r-rinunzja ta' Dott. Edward Gatt gie nominat Dott. Renzo Porsella Flores bhala avukat ghall-ghajnuna legali, izda dan talab li jigi ezentat mill-inkarigu minhabba konflitt ta' interess. Ghalhekk, b'digriet tat-23 ta' Novembru 2001 gie sostitwit ghalih Dott. Martin Fenech. Pero` kien biss fl-20 ta' Settembru 2002 li l-appellant deher ghall-ewwel darba hekk assistit u fid-19 ta' Frar 2003 giet prodotta bhala xhud in difesa Josette Camilleri li tahdem ma' l-agenzija SEDQA sabiex tixhed dwar il-programm li kien qieghed jaghmel l-appellant, filwaqt li t-trattazzjoni finali saret fis-26 ta' Novembru 2003[2].

Minn dan kollu huwa evidenti li parti sostanzjali tad-dewmien tal-process kriminali kien dovut biss ghall-appellant peress li, kif diga` gie osservat, il-Pulizija Ezekuttiva agixxiet immedjatament hekk kif kellha l-informazzjoni mehtiega u l-proceduri tal-kumpilazzjoni tal-provi bejn id-data tal-prezentata ta' l-appellant u l-hrug ta' l-artikoli mill-Avukat Generali kien ta' anqas minn sbatax-il xahar.

L-appellant isostni wkoll li kieku ma kellux il-vizzju tad-droga ma kienx jikkommetti s-serqiet in kwistjoni, ghalkemm izid li dan mhux qed ighidu biex titnehha xi

---

[1] Xi seduti gew differiti minhabba indispozizzjoni tal-magistrat sedenti (22 ta' Marzu 2000, 27 ta' April 2001, 20 ta' Gunju 2001), jew ghax il-magistrat sedenti kienet maqbuda fuq xoghol ta' natura urgenti (1 ta' Dicembru 2000), jew fuq talba tal-prosekuzzjoni (7 ta' Lulju 2000, 1 ta' Novembru 2000), jew minghajr indikazzjoni ta' raguni (22 ta' Settembru 2000, 13 ta' Lulju 2001, 24 ta' Ottubru 2001).

[2] Fit-22 ta' Frar 2002 is-seduta giet differita minhabba li l-magistrat sedenti kienet maqbuda f'xoghol iehor, fil-5 ta' April 2002 kienet indisposta, fil-15 ta' Mejju 2002 l-ewwel Qorti regghet infurmat lill-appellant li l-avukat ta' ghajnuna legali mahtur kien Dot. Martin Fenech, fit-3 ta' Lulju 2002 is-seduta giet differita fuq talba tal-prosekuzzjoni, fil-25 ta' Ottubru 2002 kienet indisposta l-magistrat sedenti u fil-11 ta' Dicembru 2002 kien indispost l-ufficjal prosekutur.

responsabbilta` minn fuqu izda minhabba li l-piena moghtija hija harxa wisq fic-cirkostanzi li kien jinsab fihom. Din il-Qorti tosserva l-ewwel nett li m'hemm l-ebda prova li meta kkommetta s-serqiet in kwistjoni l-appellant kellu problema ta' droga. Difatti fl-istqarrija tieghu, wara li jghid li l-genituri tieghu ma tantx kellhom cans jidderigulu hajtu u forsi anke minhabba li kien ihobb il-kumpanija, kien beda ighix hajja hazina u l-ewwel serqa hawn in kwistjoni kien ghamilha ghax kien dejjem nieqes mill-flus. Dwar it-tieni serqa hawn in kwistjoni mbaghad ighid li dak iz-zmien kien ghadu fit-triq il-hazina u kellu problema kbira ta' flus minhabba li issa ried jitma wkoll lill-gharusa tieghu u t-tarbija taghhom u ma kellux xoghol. Imkien ma jsemmi f'din l-istqarrija problema ta' droga. U meta xehdet l-gharusa tieghu Claudette Micallef fit-2 ta' Gunju 2000, ghalkemm tghid li l-appellant kellu problema ta' l-abbuz tad-droga, ma tindikax meta beda din il-problema. It-tieni osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hi li persuna li tikkommetti delitti minhabba l-problema ta' l-abbuz tad-droga ma tistax, kif donnu jaccetta l-appellant, tressaq din il-problema bhala raguni ghal xi temperament fil-piena jew bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali sakemm, fl-ahjar ipotesi, ma jissussistux ic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 34 tal-Kodici Kriminali.

Dwar ir-riforma ta' l-appellant u l-progress li ghamel minhabba l-problema ta' droga, din il-Qorti tinsab sorpriza mill-fatt li nonostante li meta l-appellant ghamel l-istqarrija tieghu fit-23 ta' Gunju 1998 qal li huwa ddecieda li jitlaq warajh it-triq il-hazina u jaqbad it-triq it-tajba, mill-fedina penali tieghu jidher li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' Marzu 2000 instab hati ta' pussess mhux awtorizzat ta' eroina fil-5 ta' Lulju 1998 u t-tnax-il xahar ta' qabel; u mix-xiehda ta' Josette Camilleri jirrizulta li huwa kien beda jmur ghand l-agenzija SEDQA f'Ottubru 2002, jigifieri aktar minn erba' snin wara li bdew il-proceduri odjerni. Ghaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti tapprezza l-fatt li mill-istess fedina penali jirrizulta li l-ahhar kaz li dwaru nstab hati kien proprju dak ta' pussess mhux awtorizzat ta' eroina f'Lulju 1998, dan kollu ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tieghu ghar-reati odjerni u l-ilmenti ta' l-appellant huma b'hekk michdua.

Minn ezami ta' l-atti pero` jirrizulta li meta giet kommessa s-serqa tal-lejl ta' bejn l-4 ta' Settembru 1991 u l-5 ta' Settembru 1991 l-appellant kien ghad ghandu sbatax-il sena. Dan il-fattur ma ttehidx in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti u li kienet tenuta li hekk taghmel peress li l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li *"jekk il-hati jkun ghalaq l-erbatax-il sena izda ma jkollux tmintax-il sena, il-piena applikabbli ghar-reat* ***ghandha*** *titnaqqas bi grad jew tnejn"* (enfazi tal-Qorti). Ghalhekk il-piena ta' prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti trid tigi ridotta biex tirrispekkja tali fattur.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet il-htija ta' l-appellant, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal perijodu ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar u minflok tikkundannah ghal perijodu ta' prigunerija ta' tnax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------